**Kulleġġ San Tumas More**

**Skejjel Primarji**

**Eżami ta' Nofs is-Sena**

**IR-RELIĠJON**

**Il-Ħames Sena** **Frar 2017** **Ħin: Siegħa u kwart**

**Isem:** ________________________ **Klassi:**_______________



| TAQSIMA A | TAQSIMA B | TAQSIMA Ċ | TAQSIMA D | TAQSIMA E | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| minn 15 | minn 14 | minn 28 | minn 23 | minn 20 | minn 100 |

# TAQSIMA A



## ALLA JAGĦTINA T-TALENTI

**A1. Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

**L-ewwel waħda hija lesta.**

1. Alla ħalaqni (don, **xbieha**, talent) tiegħu.
2. It-talenti huma (kwalitajiet, tifsiriet, ħolm) li tani Alla.
3. (Ġakobb, Iżakk, David) kien iben Abram.
4. Rut kienet leali lejn (Marija, Eli, Naomi).
5. Fl-(Aħħar, Antik, Aħjar) Testment insibu ħafna nies li kellhom fidi kbira f' Alla.
6. Lil Alla Abram kien jafdah u għalhekk kellu (fidi, tama, mħabba) kbira fih.

(5 marki)

**A2. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. L-ewwel sentenza hija mogħtija bħala eżempju.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Moab | Sara | Samwel | ~~ġid~~ | Lhud | Alla |

1. Joħroġ ħafna **ġid** jekk nagħrfu t-talenti tagħna.

2. Abram u ________ kellhom iben fi xjuħithom.

3. Rut kienet tfajla minn post jismu _________.

4. Alla ried lil Mosè joħroġ lil ________ mill-Eġittu.

5. _________ kien jgħix ma' Eli fit-tempju.

6. Darba, Samwel sema' lil ________ jkellmu bil-lejl.

(5 marki)



**A3. Ikteb VERU jew FALZ. L-ewwel waħda hija lesta.**

1. Ħu Mosè kien jismu Elimelek. **<u>Falz</u>**
2. Martin Luther King kien irċieva l-Premju Nobel. ________
3. Eliżabetta kienet omm Samwel. _________
4. Il-Fargħun obda minn Mosè mill-ewwel. _________
5. Isem propju Martin Luther King kien Michael. ________
6. Martin Luther King kien ġie maqtul. _________

(5 marki)

# TAQSIMA B

## ALLA JAĦDEM FL-ISTORJA



**B1. Min jien? Agħżel mill-kaxxi.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ġannina Cutajar | Is-Sultan David | Dun Mikiel Xerri | Il-Profeta Eżekjel | Papa Ġwanni XXIII |

1. Kont qassis u mitt għal Malta. ____________________
2. Jien magħruf bħala l-Papa tat-tjubija. ________________
3. Jien waqqaft is-sezzjoni tal-bniet tal-Mużew.

   ___________________
4. Alla wrieni wied mimli għadam. __________________
5. Jien ktibt ħafna poeżiji msejħin Salmi. __________________

(5 marki)

**B2. Qabbel kolonna A ma' kolonna B. L-ewwel sentenza hija lesta.**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | L-isem tal Papa Ġwanni XXIII | | lill-Poplu Lhudi. |
| 2. | Eżekjel kellu jwassal messaġġ | | bdew jgħallmu l-Katekiżmu. |
| 3. | Dun Mikiel Xerri jissejjaħ | | u talab maħfra lil Alla. |
| 4. | Meta dineb, David aċċetta l-iżball | | kien iħobb idoqq l-arpa. |
| 5. | Dun Ġorġ u Ġannina Cutajar | **1** | kien Angelo Roncalli. |
| 6. | Meta kien żgħir David | | Patrijott Malti. |
| 7. | Il-Papa preżenti | | permezz tal-Konċilju Vatikan II. |
| 8. | Ġesù qal | | huwa l-Papa Franġisku. |
| 9. | Papa Ġwanni XXIII ġab tibdil fil-Knisja | | għax il-poplu mhux dejjem sema' minnu. |
| 10. | Eżekjel kellu t-tbatijiet tiegħu | | "Ħallu t-tfal iż-żghar jiġu għandi." |

(9 marki)

# TAQSIMA Ċ

## NIEĦDU ĦSIEB XULXIN

**Ċ1. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**



Omm Anna kienet ilha xi żmien marida. Għalhekk, Anna kienet tieħu ħsieb ħutha ż-żgħar u tagħmel xi faċendi fid-dar. Xorta kienet issib ħin għall-istudju u biex tmur quddiesa kuljum. Il-ħabiba tagħha Rita kienet tammira kif Anna kien jirnexxilha tagħmel dan kollu u qatt ma tgerger.

Darba waħda, Rita kienet qed tilgħab u ommha bagħtitha tixtri l-ħalib. Rita tgħidx kemm gergret għax kellha tieqaf mil-logħba. Fit-triq ftakret f'Anna u kif marret lura d-dar talbet skuża lil ommha talli ma riditx tmur mill-ewwel.

1. Taħseb li Anna kienet tifla bil-għaqal? Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________.

2. Taħseb li Rita għamlet sew meta bdiet tgerger? Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________.

3. Kif taħseb li bl-eżempju tagħha Anna għenet lil Rita?

______________________________________________________________

______________________________________________________________.

(6 marki)

**Ċ2. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. Meta Pietru obda u tefa' x-xbiek il-baħar
   a. xorta waħda ma qabdu xejn.
   b. il-qabda kienet kbira ħafna.
   ċ. raqad għax kien għajjien.

2. Il-Fariżej staqsew lil Ġesù fuq it-taxxi biex
   a. jippruvaw iġarrbuh.
   b. jaħlu l-ħin għax ma kellhomx x'jagħmlu.
   ċ. forsi Ġesù jagħtihom xi flus.

3. Ġesù ra li ċ-Ċenturjun
   a. kien raġel beżżiegħ.
   b. kien iħobb jgħaddi ż-żmien b'kulħadd.
   ċ. kien raġel umli u ta' fidi kbira.

4. Ġesù għallimna li għandna

    a. nippruvaw inżommu dejjem kollox għalina.

    b. nagħtu lil kulħadd dak li hu tiegħu.

    ċ. naraw fejn nistgħu ma nħallsux taxxa.

5. Iċ-Ċenturjun talab lil Ġesù

    a. ifejjaqlu lill-qaddej tiegħu.

    b. ifejjaq lilu għax kien marid.

    ċ. jagħtih mal-mitt munita. (10 marki)

**Ċ3. Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**



Darba waħda **Ġ**<u>**esù** </u>kien qiegħed jgħallem mid-**d**_______________ta' Pietru. Wara ftit talab lil Pietru biex jitfa' x-**x**____________ il-baħar. Pietru qallu li kienu għamlu **l**________ jistadu u ma qabdu xejn. Iżda hu obda u tefa' x-xbiek. Tant qabdu **ħ**________ li kellhom isejħu lil **s**________________ biex jiġu jgħinuhom. Dawn imlew żewġ dgħajjes li għal ftit ma **għ**________________. Kif ra hekk Pietru nxteħet f'riġlejn Ġesù u qallu, "Tbiegħed minni Mulej, għaliex jiena raġel **m**________________. (7 marki)

## Ċ4. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B. L-ewwel sentenza hija lesta.

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Darba, Ġesù mar | | lil Ġesù ma sabuhx. |
| 2. | Hemmhekk kien hemm xi għorrief tal-liġi | | għaliex kien għamel hekk. |
| 3. | Meta Marija u Ġużeppi ġew biex imorru lura | | tlett ijiem ifittxuh. |
| 4. | Huma damu | | U Ġesù qagħad jitkellem magħhom. |
| 5. | Meta sabuh ommu staqsietu | | li jagħmel ix-xogħol li tah Missieru. |
| 6. | Ġesù wieġeb li l-missjoni tiegħu kienet | 1 | mal-ġenituri tiegħu Ġerusalemm. |

(5 marki)





# TAQSIMA D

## JITWIELED GĦALINA

**D1. Imla l-vojt bil-kelmiet li hemm fil-kaxxi. L-ewwel waħda hija lesta.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| sabiħ | paċi | Marija | twelid | ferħ | Ġuzeppi |
| Ġesù | mħabba | Betlem | għaqda | ~~Milied~~ | |



Il-**Milied** hi festa ta'________________

tassew. Madwarna naraw ambjent

____________ li fih niċċelebraw it-____________ ta' Ġesù Bambin.

__________________ u __________________ daħlu ġewwa għar

f'_________________. Kull darba li nuru l-__________ u l-

____________________ ma' ħaddieħor inkunu qed ngħixu l-Milied.

Ġesù għalhekk ġie fid-dinja -- biex iġib il-____________ fost il-

bnedmin. Niftakru li ________________ twieled għal kulħadd.

(10 marki)

**D2. Ikteb IVA jew LE.**

1. Il-kummerċ inaqqas l-importanza tal-Milied .___________
2. Fejn hemm ir-rispett xejn ma naqblu bejnietna. ____________
3. Il-Milied sabiħ meta tqattgħu waħdek. ____________
4. Ir-rigali huma l-iktar ħaġa importanti fil-Milied .___________
5. Ġesù ġie fid-dinja biex iġib il-paċi. _____________

(5 marki)

**D3. Kompli l-kelma.**

Ġesù twieled f'**B**<u>etlem</u> tal-Lhudija. Dan ġara meta **E**___________kien re. Tliet **S**________________**M**______________marru jaraw lil Ġesù. Huma ħadu magħhom xi **r**_______________ lil Ġesù Bambin. Is-Slaten Maġi staqsew għar-re tal-**L**________. Meta Erodi sema' b'dan qal li hu wkoll ried imur **j**______ lil **Ġ**_________. Imma Erodi ried **j**_________ għax beża' li kien se joħodlu postu bħala re.



(8 marki)

# TAQSIMA E

## IL-ĦBIEB TAGĦNA

**E1. Imla l-vojt. L-ewwel sentenza hija eżempju.**

1. Il-Bibbja tgħidilna li min ikun sab ħabib ikun sab **teżor.**
2. Ħbieb ta' vera jgħinuk meta tkun fil-_______________.
3. _______________ huma stejjer li Ġesù kien jgħid biex jgħallem lin-nies.
4. Ġesù fejjaq ______________ lebbrużi imma wieħed biss irringrazzjah.
5. Meta ngħidu " __________" nkunu qed napprezzaw dak li sar magħna.

(8 marki)



**E2. Kompli s-sentenzi b'dawn il-kelmiet.**

| | | |
|---|---|---|
| ħabbejtkom | ħabib | ngħidu |
| nagħmlu | Korintu | Pietru |

1. Sħabna jinfluwenzawna f'dak li ____________ u f'dak li _____________.
2. L-ikbar ___________ li jista' jkollna huwa Ġesù.
3. "Dan hu l-kmandament tiegħi, li tħobbu lil xulxin kif ____________ jien."
4. Lil _________, Ġesù qallu, "Aħfer għal sebgħa u sebgħin darba."
5. San Pawl kiteb diversi ittri lin-nies ta' ________________.

(6 marki)



**E3. Kompli dawn is-sentenzi.**

1. Ħbieb ta' vera ________________________________

   ________________________________.

2. Meta niżbaljaw, Ġesù ________________________________

   ________________________________.

3. Bil-kelma gratitudni nifhem li ________________________________

   ________________________________.

(6 marki)

**Tmiem.**

